# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................

## BIANCAVILLA

Il-poplu ta' Biancavilla ta' kull sena jghix ir-ritwali antiki ta' aktar minn tlett sekli ilu. Il-manifestazzjoni tiftah b'Hadd il-Palm, bil-Processjoni qalb it-toroq minn eluf ta' persuni



li kollha jkantaw Osanna bil-frieghi taz-zebbug u l-palm f'idejhom.
L-attendenza hija numeruza hafna ghaliex kull prezenti jixtieq jiehu mieghugo daru xi ftit ta' benedizzjoni billi kull bniedem konvint li "bil-pjagi tieghu ahna gejna imfejqa."

F'Hadd il-Palm filghaxija ikun hem mil-Via Crucis hajja u animata mill-guvintur frangiskani mat-toroq kollha ta' Biancavilla biex fl-ahhar tispicca fuq gholja, l-gholja tal-Kalvarju li jaghti ghac-cimiterju fejn d-dawl ta' l-oqbra jhallu effett kbir fuq il-final. "Via Crucis" Ghal din l-attivita' il-popli jatte4ndi bi hgaru u jippartecipa bis-shih fil-kant.

L-ewwel tlett ijiem tal-Gimgha in-nisa tad-dar juzawhom biex inaddfu bil-kif u jppreparaw ic-"Cilicia", li huma ghagina bil-bajd iebes biex jinghatw bhala rigali. (Equivalenti tal-figolla helwa taghna) "Cicilìa"



Ghal irgiel imbaghad, b'mod specjali il-fratelli jattendu ghal ezercizzi spiritwali.

B'din l-atmosfera wiehed jasal ghall-Hamis ix-Xirka.
Ghall-quddies tac-Cena tal-Mulej filghaxija, il-knejjes ikunu mimlija nies bil-fratelli jokkupaw kwazi nofs il-knisja u kulhadd mal-fratellanza tieghu. Partecipazzjoni bhal din

hija obbligu ghall-fratelli. Wara l-litrugija jigi trasportat is-Sagrament lejn l-artal tar-Riposizzjoni u jaqa' s-silenzju. Il-qniepen jigu marbuta, l-artali imnezza' minn kull armar ul-istatwi mghottija.

Il-fidili ta' Biancavilla imbaghad jghaddu biex jaghmlu l-viziti minn knisja ghal ohra fost il-kant tas-salmi immexxija minn salib minghajr korp hlief ghall- drapp abjad imgezwer mieghu. Il-Gimgha filghodu kmieni ghas-sitta, tinstema' sparatura ta' kanun biex jaghti bidu ghall-processjoni ta' l-Addolorata, akkumpanjata mid-daqq tal-marci funebri. Ghal



ewwel ikunu ftit devoti presenti, izda il-folla toktor meta l-istatwa tasal biex tidhol fil-knisja principali biex tiltaqa' ma Kristu mejjet. Addolorata,

Wara ikun sari l-hin ghall-pranzu, ikla fqira bhala sinjal ta' penitenza. Jasal il-hin tal-Liturgija tal-Passjoni u war ail-qari tal-Passjoni skond San Gwann u t-talb preskritt, ikun il-hin tal-bews tas-salib. Wara isir it-tqarbin. Imbaghad il-prezenti tirritorna d-dar biex fit-tmienja ta' filghaxija tattendi ghall-processjoni tal-Misteri.

Din il-processjoni kellha il-bidu taghha lejn tmien 1600 bi tlett statwi dawk ta' Kristu mejjet, il-kolonna u l-Ecce Homo. Maz-zmien dawn zdiedu, bl-istatwi ta' Kristu fl-ort, ir-Redentur, il-Pieta u l-Addolorata u saret manifestazzjoni interessanti fil-Provincja kollha ta' Catania. Fi tmiem il-processjoni timxi ir-relikwija tas-salib ta' Kristu. Meta l-ahhar misteru jidhol gol-knisja, il-poplu jitferrex biex imur gewwa daru halli jipprepara ghall-festa ta' l-Ghid.